MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 81/2020 LM

**Neville Bonnici (K.I. nru 385374M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Satabank p.l.c. (C 66993)***('l-appellanta')*
**u Ernst & Young Limited (C 30241)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Satabank p.l.c. (C 66993)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni preliminari [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni preliminari appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-10 ta' Novembru, 2020, fil-

Kwistjoni tax-Xoghol nru 3841/DP, fejn filwaqt li laqa' t-talba għall-ħruġ ta' kontromandat, ċaħad f'dak l-istadju fejn ma kienx sema' l-mertu kollu, l-eċċezzjoni tal-istess soċjetà appellanta u tas-soċjetà intimata **Ernst & Young Limited (C 30241)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata EY'] fil-konfront tar-rikorrent **Neville Bonnici (K.I. nru 385374(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], li huwa m'għandux il-kompetenza li jisma' l-każ odjern, u li l-imsemmija soċjetà intimata m'għandhiex titqies leġittimu kontradittur, u b'hekk ordna l-prosegwiment tal-każ.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw it-tmiem tal-impjieg tal-appellat minn mas-soċjetà appellanta. L-appellant kien iffirma kuntratt ta' xogħol[1] għal żmien indefinit ma' din tal-aħħar fl-4 ta' Settembru, 2014 fil-kariga ta' *Chief Operating Officer* skont dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm miftiehma. Iżda fit-18 ta' Ottubru, 2019 is-soċjetà appellanta tterminat il-kuntratt ta' xogħol tiegħu permezz ta' ittra bl-istess data[2], fejn infurmatu li l-pożizzjoni tiegħu magħha kienet saret *'redundant'* u dan bħala riżultat taċ-ċirkostanzi li hija kienet sabet ruħha fihom u li huwa kien jaf bihom.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-13 ta' Mejju, 2020, permezz ta' rikors fejn talab sabiex fid-dawl tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà appellanta huwa għandu:

[1] Ara kopja Dok. A *a fol.* 4 tal-atti tat-Tribunal.
[2] Ara Dok. B *a fol.* 14.

*"1. Jingħata kumpens tat-23 ġurnata tal-leave tas-sena 2018 li baqgħu pendenti u ma ingħata ebda kumpens tagħhom għalkemm kien ġie awtorizzat li jeħodhom fis-sena 2019,*

*2. Jingħata ż-żieda fil-paga li kienet ġiet awtorizzata minn Jannar 2018 fl-ammont ta' 25% tal-paga tiegħu li baqgħet ma tħallsitx sakemm l-impjieg tal-esponenti ġie itterminat;*

*3. Jingħata l-ammont ta'* annual performance bonus *għas-sena bażi 2018 ossia* retention bonus *li sallum tħallas biss parti minnu;*

*4. Jingħata* lump sum *ta' sena talli l-impjieg tiegħu ġie tterminat skont klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg;*

*5. Jiddikjara liil t-terminazzjoni kienet waħda inġusta u jogħġbu jagħti l-provvedimenti kollha opportun f'dan ir-rigward* ai termini *tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż li r-rikorrenti jitħallas l-ammont pendenti kif ukoll kumpens ġust."*

4. Is-soċjetà intimata EY wieġbet fit-22 ta' Ġunju, 2020 fejn eċċepiet: (1) hija ma kinitx leġittimu kontradittur; (2) it-talbiet tal-appellat kienu jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tat-Tribunal; (3) ir-raba' u l-ħames talbiet kienu kontradittorji; (4) l-allegazzjonijiet tal-appellat kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; (5) it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet waħda ġusta u doveruża fiċ-ċirkostanzi u msejsa fuq *'redundancy';* (6) skont il-klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellat huwa ma kienx intitolat għal *termination benefit;* (7) il-*leave* tas-sena 2018 kien inqata' skont il-liġi min-*notice period* u fi kwalunkwe każ l-appellat kien irrinunzja għall-ħlas; (8) l-appellat ma kienx intitolat għal żieda fil-paga jew *performance bonus;* (9) l-appellat tħallas iktar minn dak dovut lilu skont il-liġi; u (10) hija dejjem aġixxiet skont il-liġi.

5. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-30 ta' Ġunju, 2020 fejn eċċepiet: (1) in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal *ai termini* tal-artikolu 75 fir-rigward tat-talbiet tal-appellat għal ħlas ta' *leave,* żieda fis-salarju, ħlas ta' *performance*

*bonus* u kumpens allegatament dovut skont l-artikolu 10 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu; (2) it-talba għal żieda fis-salarju u għal ħlas ta' *performance bonus,* ma saritx fit-terminu preskritt mil-liġi; (3) id-dikjarazzjoni ta' terminazzjoni inġusta u l-kumpens mitlub mill-appellat kienet tmur kontra t-talba tiegħu għal ħlas ta' kumpens *ai termini* tal-artikolu 10 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu; (4) it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat saret kawża ta' *redundancy;* (5) l-ammont mitlub mill-appellat mhux dovut u huwa tħallas saħansitra aktar minn dak dovut skont il-liġi; (6) dan kollu ġie sottomess b'riżerva tad-dritt tagħha sabiex tippreżenta risposta aktar tard waqt is-smigħ tal-kawża.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

6. It-Tribunal ta s-segwenti deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari:

> *"KONSIDERAZZJONIJIET*
>
> *It-Tribunal ried jistabbilixxi preliminarjament jekk dan hux każ ta' tkeċċija jew jekk hux każ ta' ilment dwar allegat nuqqas ta' għoti ta'* termination benefits*, żidiet fil-paga u bilanċ fil-ħlas ta' leave li ma tteħidx. Ġie mitlub ukoll preliminarjament jiddikjara jekk wieħed mill-partijiet li qed jiffurma s-soċjetà ntimata hux fil-fatt leġittimu kuntradittur; liema parti qed titlob ukoll lil dan it-Tribunal jilqa' l-kontro-mandat imressaq minnha stess.*
>
> *Tenut kont ta' ħdax-il fatturi miġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ ċioe:-*
>
> *Li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà sa mis-6 ta' Ottubru 2014 bħala Chief Operating Officer u ġie tterminat fil-21 ta' Jannar 2020.*
>
> *Li r-rikorrent kien impjegat mas-Satabank liema bank bħal issa b'ordni tal-MFSA mhux qed jopera u ġie maħtur Ernst & Young bħala l-Persuna Kompetenti biex taġixxi f'ismu. Li inħareġ mandat ta' sekwestru kontra s-Satabank u Ernst & Young ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000) li qed jintalbu biex jagħmlu tajjeb għal ħlas ta' sena paga, bilanċ ta' leave mhux meħud u żidiet oħra marbuta* ma' performance bonuses*;*

*Li r-rikorrent qed jallega nġustizzja fit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu tal-mod kif ġie mdawwar il-fatt li l-kumpannija għamlet* winding down *u mhux itterminat lir-rikorrent għax ġie* redundant *u sussegwentement ġie mċaħħad minn benefiċċji li hu jgħid li hu ntitolat għalihom skont klawsola 10 tal-Kuntratt tax-xogħol;*

*Li dawn il-benefiċċji jingħataw lilu kemm -il darba jiġi tterminat mix-xogħol f'każ li l-kumpannija tagħmel* winding down *jew tittrasferixxi l-ishma;*

*Li dawn il-benefiċċji ma hux intitolat għalihom jekk jiġi tterminat fuq bażi ta'* redundancy*;*

*Li waħda mill-partijiet li jiffurmaw is-soċjetà ntimata tesiġi li mhix leġittima kontradittur u dan għax huma ġew imqabbda mill-MFSA skont artiklu 29(1)(b) tal-Kap 371 tal-liġijiet ta' Malta, biex jaġixxi f'isem il-parti l-oħra, jiġifieri f'isem Satabank;*

*Li f'dan l-istadju għadu mhux ċar jekk Ersnt & Young aġixxietx f'isem il-kumpannija jew jekk daħlitx fiż-żarbun tagħha jew le;*

*Li f'dan l-istadju għadu mhux ċar jekk il-kumpannija għamiltx* winding down *jew jekk il-ħaddiema tagħha ġewx* redundant*;*

*Li dan it-Tribunal ġie mitlub jilqa' l-kontro-mandat intavolat minn Ernst & Young biex jirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 513/20 li nħareġ minn dan it-Tribunal fid-29 ta' Mejju 2020, ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;*

*Li r-rikorrent mhux qed joġġezzjoni għal din ir-revoka ġaladarba l-istess ammont ta' flus huma kkonfermati b'ċedola mill-Bank Ċentrali mill-assi ta' Satabank.*

*DEĊIŻJONI PRELIMINARI*

*Dan it-Tribunal ġie mitlub biex preliminarjament jiċħad li jisma' l-każ minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni ai termini tal-artiklu 75 tal-Att 452 tal-liġijiet ta' Malta; ġie mitlub ukoll li mingħajr preġudizzju għas-suespost jiddikjara lil Ernst & Young li mhux leġittimu kuntradittur u jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju. Ġie mitlub ukoll jilqa' l-kontro-mandat mitlub minn Ernst & Young.*

*Dan it-Tribunal wara li ra l-provi miġjuba s'issa jiddikjara li ma daħalx fil-mertu tal-każ imma ssindika f'ċerti fatti sabiex ikun jista' jasal għal deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari. Ir-rikorrent qed jagħmel talbiet ta' ħlasijiet li fid-deher mhumiex fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan it-Tribunal qed jiġi mitlub ukoll jinvestiga allegat tkeċċija nġusta. Dan ifisser li fin-nuqqas ta' ġustizzja fi tkeċċija li tiġi ppreżentata quddiemu jrid jara jekk fil-fatt kienx il-każ li kellu jitkeċċa jew jinżamm fl-impjieg. Il-liġi tax-xogħol innifisha tagħti lok għal talbiet ta' ri-ingaġġ u fejn dan ma jkunx*

*possibbli, f'każ li jirriżultalha li kien hemm inġustizzja fil-fatt li ma ġiex miżmum fl-impjieg, it-Tribunal għandu s-setgħa jillikwida d-danni sofferiti.*

*Mill-banda l-oħra dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni li jiddetermina u jidħol f'kumpens ta' leave mhux meħud u ħlasijiet anċillari u ħlas ieħor marbut ma'* performance bonuses.

*Il-fatt innifsu li r-rikorrent ħass li għandu jieħu dawn il-ħlasijiet li madwarhom huwa wkoll mfassal il-mandat ta' sekwestru, jista' jiġi nterpretat li qed jaċċetta t-terminazzjoni u mhux jikkontesta li kellu jiġi tterminat mill-impjieg. Jista' għalhekk wieħed fid-deher,* prima facie, *jintepreta t-talbiet għall-ħlasijiet bħala aċċettazzjoni tat-terminazzjoni minnhom infushom. L-allegat tkeċċija nġusta timplika li mhux suppost kien hemm terminazzjoni fl-ewwel lok.*

*It-Tribunal iħoss li ma ħarġux provi biżżejjed fil-fażi preliminari biex wieħed jiddetermina dan u wieħed għad irid jara wara li jiġi trattat il-mertu kollu.*

*Dan it-Tribunal jemmen li l-liġijiet huma ċari u l-funzjoni ta' dan it-Tribunal huma wkoll ċari kif elenkati fil-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u t-talbiet li għandhom jersqu quddiemu huma wkoll spjegati ċar. Dan ifisser ukoll li t-Tribunal għandu l-obbligu li jissindika u janalizza l-possibiltajiet kollha mibnija fuq il-provi mressqa quddiemu biex ikun jista' fil-fatt jiddetermina jekk tkunx saret tkeċċija l-ewwel u qabel kollox, u jekk din it-tkeċċija hix ġusta jew le. Biex jasal għal dan it-Tribunal jiddikjara li fil-każ odjern u t-talba li saret lilu permezz ta' eċċezzjoni preliminari ma tistax tiġi determinata qabel ma jiġi trattat u jidħol fil-mertu tal-każ.*

*Dan it-Tribunal ġie mitlub jilqa' l-kontro-mandat kif mitlub b'rikors datat 22 ta' Ġunju 2020. Il-mandat innifsu ma ntalabx b'mala fede kontra Ernst & Young u dan għax ir-rikorrent ma kienx jaf jekk id-drittijiet tiegħu humiex kawtelati la b'Satabank u lanqas b'Ernst & Young, u dan għax sar jaf bid-depożitu minn Satabank ħafna aktar tard, pjuttost waqt is-smigħ tas-seduti. It-Tribunal jinnota wkoll li l-partijiet kollha qablu li għandu jintlaqa' l-kontro-mandat.*

*Hawn it-Tribunal ried jirrifletti fuq x'titlob il-liġi ai termini ta' artikolu 836 (8)(b), (ċ) u (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi rilevanti fl-istess artikolu. Dan it-Tribunal ma jirriżultalux li t-talba għall-mandat ta' sekwestru għandha ġġorr penali għax ma jidhirlux li l-aġir innifsu jaqa' fis-sub-artikli (b), (ċ) u (d). It-Tribunal huwa tal-fehma li mala fede fit-talba tal-mandat ta' sekwestru ma jidhirx li kien hemm.*

*It-Tribunal ġie mitlub biex jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil waħda mill-partijiet li qed jiffurmaw s-socjetà ntimata, ċioe, lil Ernst & Young. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li biex jasal għal deċiżjoni jekk fil-fatt aġixxiex fiż-żarbun tal-parti l-oħra, ċioe,*

*Satabank, jekk kienx sempliċiment qed jattwa d-deċiżjonijiet li kien messa ħa u ried jieħu Satabank jew jekk hux il-każ li aġixxa tali li ħa deċiżjoni oltre mid-direzzjoni mogħtija lilu f'isem min qed jagixxi, wieħed għad irid jara. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li biex ikun jista' jasal għal konklużjoni fuq dan il-fatt jeħtieġlu jisma' l-mertu tal-każ fl-intier."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-19 ta' Novembru, 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni preliminari appellata tat-Tribunal, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-appellat miġjuba fil-konfront tagħha u tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tagħha, u dan bl-ispejjeż kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) it-Tribunal mhux kompetenti jiddeċiedi fuq krediti kuntrattwali; u (b) minkejja li t-Tribunal ordna li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet preliminari kollha, huwa injora t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tagħha.

## Ir-Risposta tal-Appell

8. L-appellat wieġeb fl-4 ta' Jannar, 2021 fejn issottometta li d-deċiżjoni preliminari appellata għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, filwaqt li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra ż-żewġ aggravji rispettivi mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak kollu li kkonsidra u ddeċieda t-

Tribunal permezz tad-deċiżjoni preliminari appellata u meħudin inkonsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal mhux kompetenti jiddeċiedi dwar krediti kuntrattwali]*

10. Is-soċjetà appellanta tibda billi tgħid li hemm kunflitt f'dak li jgħid it-Tribunal fid-deċiżjoni preliminari appellata. Dan tgħidu għaliex filwaqt li t-Tribunal spjega kif għandu kompetenza sabiex jisma' t-talba tal-appellat dwar terminazzjoni ta' impjieg inġust u għalhekk ċaħad l-eċċezzjoni li huwa m'għandux kompetenza, fl-istess deċiżjoni tiegħu qal ukoll li huwa m'għandux kompetenza sabiex jiddeċiedi dwar kumpens ta' *leave* mhux meħud u ħlasijiet anċillari u ħlas ieħor marbut ma' *performance bonuses*. Is-soċjetà appellanta tispjega li l-eċċezzjonijiet tagħha huma msejsa fuq il-fatt li (a) it-Tribunal m'għandux kompetenza fir-rigward tat-talba tal-appellat għall-ħlasijiet li qed jitlob, u tgħid ukoll li (b) ġaladarba l-appellat għamel talba għal ħlas taħt l-artikolu 10 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, huwa aċċetta t-terminazzjoni tal-kuntratt u b'hekk ma setax jagħmel talba għal tkeċċija inġusta.

11. Is-soċjetà appellanta tibda billi tispjega l-ewwel punt tagħha. Tirrileva li skont il-każistika kostanti tal-qrati Maltin u anki tat-Tribunal, ma kinitx taqa' fil-kompetenza ta' dan tal-aħħar kull materja li għandha x'taqsam ma' impjieg jew li tissemma' fit-Titolu 1 tal-Att, u kien biss dak li jiddisponi għalih l-istess Titolu 1 li kien jaqa' fil-kompetenza tiegħu. Dan filwaqt li għamlet riferiment għal diversi sentenzi tal-qrati in sostenn tal-argument tagħha. Tkompli tgħid li t-Titolu 1 ma kien jagħti l-ebda kompetenza lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi talbiet

dwar *leave*¸ żieda fil-paga, *retention* u/jew *performance bonus* u *severance pay,* u lanqas biss isemmihom. Tirrileva li dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala paga, għaliex id-definizzjoni li tagħti l-liġi kienet ta' paga bażika u bonus statutorju. Tikkontendi li għalhekk it-Tribunal m'għandux kompetenza taħt il-para. (b) tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452 sabiex jisma' t-talbiet tal-appellat minn 1 sa 4, anki jekk *dato ma non concesso* il-każ kellu jitqies wieħed ta' tkeċċija inġusta. Dwar it-tieni punt li tqajjem, is-soċjetà appellanta tispjega li t-Tribunal kkunsidra li ġaladarba l-appellat kien qed jitlob għal ċertu ħlasijiet, *prima face* seta' jingħad li huwa kien aċċetta t-terminazzjoni tal-impjieg fejn b'hekk it-Tribunal m'għandux kompetenza, iżda aktar tard it-Tribunal ikkonstata li ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex wieħed jasal għal dan. Tirrileva wkoll li t-Tribunal m'għamel l-ebda analiżi fir-rigward tal-artikolu 10 tal-kuntratt ta' impjieg tal-appellat u saħansitra jidher ċar li naqas ukoll milli jikkonsidra t-tielet eċċezzjoni tagħha. Is-soċjetà appellanta tissottometti li ġaladarba talab kumpens taħt dan l-artikolu 10, dan ifisser li l-appellat kien aċċetta li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat, u għalhekk issaqsi kif seta' t-Tribunal ikollu kompetenza meta anki huwa stess jgħid *"l-allegat tkeċċija nġusta timplika li mhux suppost kien hemm terminazzjoni fl-ewwel lok".* Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-iskop ewlieni tal-appellat huwa li jieħu kumpens skont l-artikolu 10 tal-Kap. 452 u waqt it-trattazzjoni tal-każ huwa ssottometta li kienet is-soċjetà intimata li sussegwentement ħadet deċiżjoni msejsa fuq *redundancy* sabiex ma tapplikax il-kundizzjoni tal-imsemmi artikolu. Is-soċjetà appellanta tissottometti li t-Tribunal minflok ma ddeċieda li t-talbiet tal-appellat kienu konfliġġenti, waqa' fin-nassa u ddeċieda li kien kmieni wisq sabiex ikun ċar jekk *"il-kumpannija għamlitx* winding down *jew jekk il-ħaddiema tagħha ġewx*

redundant*"*. Tissottometti li meta kumpannija tagħlaq il-bibien, huwa assjomatiku li kull ħaddiem jiġi *redundant* u fil-każ odjern it-Tribunal kellu jara jekk kienx hemm lok għal *redundancy* jew le. Iżda meta Tribunal jindaga jekk kienx hemm terminazzjoni riżultat ta' *winding down* jew ta' *redundancy,* qed jaċċetta li hemm terminazzjoni u b'hekk imbagħad ifittex sabiex jara jekk din saritx skont waħda jew l-oħra stante li l-ħlas tal-kumpens isir skont dik ir-raġuni.

12. Fit-tweġiba tiegħu l-appellat jissottometti li t-Tribunal fil-fatt iddeċieda li għandu kompetenza għaliex kien hemm talba ta' tkeċċija inġusta. Fil-każ odjern l-ammonti dovuti lill-appellat jgħinu lit-Tribunal sabiex jistabbilixxi għaliex huwa kien tkeċċa, u dan proprju sabiex huwa jiġi mċaħħad minn dak li kien dovut lilu. L-appellat jissottometti li s-soċjetà appellanta kienet riedet tbigħ l-ishma, u fin-nuqqas issir il-*winding down* kif fil-fatt ġara f'Novembru 2020 meta huwa kien tkeċċa f'Jannar 2020 abbażi ta' *redundancy* flok ta' *winding down.* Għalhekk huwa jikkontendi li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta stante li kien ovvju li kienet ser isseħħ il-*winding down,* u kien biss fit-30 ta' Ottubru, 2020 li nħatar likwidatur.

13. Għandu jingħad mill-ewwel li t-Tribunal għalkemm iddikjara li huwa ma kienx qed jilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' inkompetenza, huwa attwalment ma ddeċieda xejn għajr li f'dak l-istadju tal-proċeduri huwa ma kellux informazzjoni biżżejjed biex jiddeċiedi jilqgħax jew jiċħad din l-eċċezzjoni. Il-Qorti wara li qieset dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 77(1) tal-Kap. 452, tgħid li t-Tribunal mexa skont il-liġi meta ddeċieda li kellu jisma' l-mertu qabel ma jiddeċiedi l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, u l-eċċezzjoni sabiex is-soċjetà EY tiġi ddikjarata li mhijiex leġittimu kontradittur, senjatament id-dispożizzjonijiet tal-

artikolu 730 tal-Kap. 12 li jagħtuh id-diskrezzjoni li jiddeċiedi eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tiegħu qabel is-sentenza fuq il-mertu jew flimkien magħha:

> *"730. L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ,* res judicata*, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."*

14. Il-Qorti tirrileva li l-ilment tas-soċjetà appellanta jolqot il-mod kif intużat din id-diskrezzjoni, jiġifieri fil-każ odjern fejn it-Tribunal għażel li jiddeċiedi l-eċċezzjoni ta' inkompetenza wara li jisma' l-mertu kollu li kellu quddiemu, u hija ser tgħaddi sabiex tindaga jekk it-Tribunal kellux raġun li jiddeċiedi kif għamel f'dak l-istadju bikri tal-proċeduri odjerni.

15. Il-Qorti tagħraf li l-ewwel erba' talbiet tal-appellat jittrattaw pretensjonijiet għall-ħlas ta' leave, żieda fil-paga, *annual performance bonus* u *lump sum* stante li l-impjieg tiegħu ġie tterminat skont l-Artikolu 10 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Issib li t-Tribunal tassew m'għandux kompetenza li jittratta l-pretensjonijiet tiegħu kif miġjuba f'dawn l-ewwel talbiet, għaliex ġaladarba ma jissemmewx taħt it-Titolu 1 tal-Kap. 452, huma ma jinkwadrawx fil-parametri stabbiliti permezz tal-para. (ċ) tas-subartikolu 75(1). Għalhekk s'hawn is-soċjetà appellanta għandha raġun.

16. Iżda l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-kumplament tas-sottomissjonijiet tagħha kif imfissra taħt it-tieni punt tagħha, meta tisħaq li ġaladarba l-appellat talab il-ħlas dovut lilu skont l-Artikolu 10 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu, huwa kien qed jaċċetta li dak l-istess kuntratt kien ġie tterminat.

Għalkemm hija tinsisti li din hija kwistjoni ta' interpretazzjoni legali iżda mhux ta' provi, il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal għażel sew li jiddeċiedi jekk għandux kompetenza jew le wara li jisma' l-mertu. Il-Qorti tagħraf li għalkemm is-soċjetà appellanta tissuġġerixxi li l-kwistjoni kienet tirrigwarda kwistjoni legali sempliċi, qiegħda twarrab il-fatt li l-appellat qed jikkontesta li r-raġuni vera għat-tmiem tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu kienet *redundancy,* u l-pretensjonijiet tiegħu huma msejsa fuq l-allegazzjoni li r-raġuni fil-verità kienet dik ta' *winding up.* Il-Qorti tirrileva li min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta mhijiex qiegħda taqbel, u sabiex it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi liema kienet tassew ir-raġuni sabiex intemm il-kuntratt ta' impjieg tal-appellat, dan jista' jagħmlu biss wara li jisma' x'għandhom xi jgħidu l-partijiet rispettivi u b'hekk ukoll ikun f'pożizzjoni sabiex jiddeċiedi l-eċċezzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' kompetenza tiegħu. Is-soċjetà appellanta qiegħda targumenta wkoll li ġaladarba l-appellat qed jitlob il-ħlasijiet kif imfissra fl-ewwel erba' talbiet tiegħu, huwa qed jaċċetta t-terminazzjoni, iżda l-Qorti tgħid li l-ħames talba l-appellat qed jagħmilha indipendentement u għalhekk għandha tiġi meqjusa għaliha.

17. Għaldaqstant il-Qorti ssib li dan l-ewwel aggravju huwa ġustifikat fir-rigward tal-ewwel argument li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, iżda mhux fil-kumplament tas-sottomissjonijiet tagħha, u għalhekk il-Qorti qiegħda tilqgħu limitatament kif fissret aktar 'il fuq.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal injora t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tagħha]*

18. Is-soċjetà appellanta tfisser li t-tieni aggravju tagħha huwa li għalkemm it-Tribunal ordna sabiex l-eċċezzjonijiet preliminari kollha jiġu ttrattati flimkien, huwa naqas milli jindirizza t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tagħha. Minn hemm hija tgħaddi sabiex tfisser it-tieni eċċezzjoni tagħha u anki t-tielet eċċezzjoni.

19. L-appellat jikkontendi li fl-ewwel udjenza quddiem it-Tribunal, l-intimati kienu għażlu li t-Tribunal kellu qabelxejn jiddeċiedi l-eċċezzjoni tal-kompetenza u dik fejn intqal li s-soċjetà intimata EY ma kinitx il-leġittimu kontradittur, kif ukoll il-kwistjoni tal-ħruġ o meno tal-kontromandat. Jissottometti li mkien ma ssemmiet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u saħansitra ma tressqet l-ebda prova fir-rigward.

20. Fl-ewwel paragrafu wara l-intestatura *"DEĊIŻJONI PRELIMINARI",* it-Tribunal fisser il-parametri tad-deċiżjoni tiegħu fejn qal li huwa kien ġie mitlub sabiex jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet tan-nuqqas ta' kompetenza u li s-soċjetà intimata EY mhijiex il-leġittimu kontradittur, u anki dwar il-kontromandat mitlub minn l-istess soċjetà intimata EY. Il-Qorti tirrileva li mkien mill-atti ma jirriżulta li t-Tribunal fost dawn l-eċċezzjonijiet preliminari kellu wkoll jiddeċiedi dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet oħra li qiegħda tallega s-soċjetà appellanta li kellhom jiġu deċiżi wkoll. Tikkonsidra li fejn din għażlet sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-fomm, dawk is-sottomissjonijiet saru biss fir-rigward tal-eċċezzjonijiet li ġew deċiżi mit-Tribunal. Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li t-Tribunal naqas milli jindirizza t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, għaliex qatt ma kien hemm l-intenzjoni kemm tat-Tribunal, kif ukoll almenu tas-soċjetà appellanta, li dawn kellhom jiġu ttrattati u deċiżi permezz tad-deċiżjoni preliminari appellata.

21. Għaldaqstant din il-Qorti ma tikkonsidrax li t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' b'mod limitat kif fuq imfisser l-appell tas-soċjetà appellanta, u filwaqt li tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni preliminari appellata fejn it-Tribunal ma laqax l-eċċezzjoni li huwa m'għandux kompetenza, iżda dan il-Qorti tgħidu limitatament għall-ewwel erba' talbiet li ressaq l-appellat, tiddikjara li t-Tribunal m'għandu l-ebda kompetenza fir-rigward tal-imsemmija l-ewwel erba' talbiet tal-appellat, u għalhekk għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħhom, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta.**

**L-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni preliminari appellata, u anki dawk tal-appell odjern, għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-appellat u s-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**